31999R2762

L 331/59 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 23.12.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2762/1999
ta' 22 ta' Diċembru 1999
li jaġġusta l-kwantità massima ta' sajd annwali għal ċerti żoni ta' sajd.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2027/95 tal-15 ta' Ġunju 1995 li jistabbilixxi sistema għall-ġestjoni tal-kwantità massima ta' sajd annwali għal ċerti żoni u riżorsi ta' sajd fil-Komunità [1], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 149/1999 [2], u b'mod partikolari fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4 tiegħu,

(1) Billi t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2027/95 jistabbilixxi li l-Komunità, fuq talba ta' wieħed mill-Istati Membri, għandha tieħu miżuri xierqa sabiex dak l-Istat Membru kkonċernat ikun jista' jistad għall-kwoti tiegħu kif stabbilit fit-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 6(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 685/95 tas-27 ta' Marzu 1995 dwar il-ġestjoni tal-kwantità massima ta' sajd annwali għal ċerti żoni ta' sajd u riżorsi fil-Komunità [3];

(2) Billi Spanja talbet lill-Kummissjoni biex taġġusta l-kwantità massima ta' sajd annwali li hu permess lid-dgħajjes tagħha billi naqqset is-sajd bi xbiek fiss u żiedet is-sajd bi xbiek miġbud, fil-kas ta' sajd għall-ħut tal-qiegħ, sabiex il-bastimenti li jtajru l-bandiera Spanjola jkunu jistgħu jisfruttaw sew il-kwoti annwali skond ir-Regolamenti tal-Komunità;

(3) Billi dan it-trasferiment tal-kwantità massima ta' sajd jinvolvi biss bidla sempliċi li ma tbiddilx il-bilanċ eżistenti u jippermetti li l-ammont ta' sajd li jkun allokat fil-bidu jkun jista' jiġi aġġustat skond il-qagħda kurrenti tal-flotta, u s-sajd ikun diversifikat biex jinkludi speċi oħra tal-qiegħ;

(4) Billi dan ir-Regolament irid jidħol fis-seħħ immedjatament sabiex iħalli lil Spanja tagħmel użu aħjar tal-kwoti tagħha;

(5) Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tas-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kwantità massima ta' sajd annwali għar-Renju ta' Spanja fir-rigward ta'speċi tal-qiegħ bl-użu ta' xbiek miġbud jew fiss rispettivament, kif imsemmija fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 2027/95, hi emendata, kif stabbilit fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

---

(1) ĠU L 199, ta' l-24.08.95, pġ. 1.
(2) ĠU L 18, tat-23.01.99, pġ. 3.
(3) ĠU L 71, tal-31.03.95, pġ. 5.

ANNESS

Żona tas-sajd					Kwantità massima (*)			
Tagħmir tas-sajd	Speċi maqbuda	Taqsimiet skond l-ICES jew CECAF			E			
Xbiek miġbud	Ħut tal-qiegħ	Vb [1]), VI, VII, VIII, IX, X u CECAF 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0			59 740			
		li minnhom:	Vb ([1]), VI		1 505			
			li minnhom:	(**)	([5])			
			VII		7 863			
			li minnhom:	(**)	([6])			
				VII a	0			
				VII f ([2])	0			
			VIII a, VIII b, VIII d		8 895			
			VIIIc, VIIIe, IX, X u CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0		41 477			
			li minnhom:	VIII c, VIII e, IX ([3])	27 839			
				IX ([4])	2 216			
				X ([4])	0			
				CECAF 34.1.1. ([3])	10 303			
				CECAF 34.1.2. ([3])	0			
				CECAF 34.2.0. ([3])	0			
				CECAF 34.1.1. ([4])	0			
				CECAF 34.1.2. ([4])	0			
				CECAF 34.2.0. ([4])	0			

(*) Espressi f'eluf ta' kW x ġranet ta' sajd.
(**) Taqsima kif definita fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 685/95. Il-kwantità massima ta' sajd għal din it-taqsima tinkludi kemm xbiek miġbud kif ukoll fiss.
([1]) Minbarra l-ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Faeroe u l-Iżlanda.
([2]) Fit-Tramuntana ta' 50° 30' N.
([3]) Fl-ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni ta' Spanja biss.
([4]) Fl-ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni tal-Portugall biss.
([5]) Attività ta' sajd limitata għal tmien bastimenti.
([6]) Attività ta' sajd limitata għal 32 bastiment.

Żona tas-sajd					Kwantità massima (*)			
Tagħmir tas-sajd	Speċi maqbuda	Taqsimiet skond l-ICES jew CECAF			E			
Xbiek fiss	Ħut tal-qiegħ	Vb [1], VI, VII, VIII, IX, X u CECAF 34.1.1, 34.1.2, 34.2.0			49 918			
		li minnhom:	Vb ([1]), VI		2 119			
			li minnhom:	(**)	([5])			
			VII		6 235			
			li minnhom:	(**)	([6])			
				VII a	0			
				VII f ([2])	0			
			VIII a, VIII b, VIII d		6 726			
			VIIIc, VIIIe, IX, X u CECAF 34.1.1, 34.1.2 u 34.2.0		34 838			
			li minnhom:	VIII c, VIII e, IX ([3])	14 082			
				IX ([4])	0			
				X ([4])	0			
				CECAF 34.1.1. ([3])	13 141			
				CECAF 34.1.2. ([3])	7 615			
				CECAF 34.2.0. ([3])	0			
				CECAF 34.1.1. ([4])	0			
				CECAF 34.1.2. ([4])	0			
				CECAF 34.2.0. ([4])	0			

(*) Espressi f'eluf ta' kW x ġranet ta' sajd.
(**) Taqsima kif definita f'Artiklu 3(5) tar-Regolament (KE) Nru 685/95. Il-kwantità massima ta' sajd għal din it-taqsima tinkludi kemm xbiek miġbud kif ukoll fiss.
([1]) Minbarra f'ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni tal-Gżejjer Faeroe u l-Iżlanda.
([2]) Fit-Tramuntana ta' 50° 30' N.
([3]) Fl-ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni ta' Spanja biss.
([4]) Fl-ibħra taħt is-sovranità/ġurisdizzjoni tal-Portugall biss.
([5]) Attività ta' sajd limitata għal tmien bastimenti.
([6]) Attività ta' sajd limitata għal 32 bastiment.